MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Numru 842/2003

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)
(Spettur Chris Pullicino)

Vs

Martin Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Martin Cassar ta' karta ta' identita' numru 231780(M).

Akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:

a) nhar is-19 ta' Settembru 2003, ghall-habta tat-8:45 ta' filghodu minn 'Banka tal-Lottu Nru 166 sitwata fi Triq Dun

Filippu Borg, B'Kara ikkommetta serq ta' somma flus kontanti li tammonta ghal Lm400, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100), u li sar ghad-dannu ta' Joseph u Maria Concetta Debono.

b) nhar is-7 ta' Ottubru 2003, ghall-habta tal-11:30 ta' filghodu minn ' Banka tal-Lottu Nru 4 sitwata fi Triq Fleur De Lys ikkommetta serq ta' somma ta' flus kontanti li tammonta ghal Lm 1100, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, u bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), u li sar ghad-dannu ta' Mary Bonello.

c) F'Birkirkara nhar is-19 ta' Settembru 2003 bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Concetta Debono kontra l-volonta' taghha.

d) F'Birkirkara nhar is-19 ta' Settembru 2003 u uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Maria Concetta Debono taghmel, thalli jsir, jew tonqos li jaghmel xi haga.

e) F'Birkirkara fis-7 ta' Ottubru 2003, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Bonello kontra l-volonta' taghha.

f) F'Birkirkara fis-7 ta' Ottubru 2003 uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Mary Bonello taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel, xi haga.

g1) F'dawn il-Gzejjer nhar is-19 ta' Settembru 2003 u s-7 ta' Ottubru 2003 fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess teighu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjni ta' arma regolari.

g2) F'Awissu 2003, f'xi hin filghodu kkommetta serq ta' replica ta' arma tan-nar minn go hanut bl-isem ta' Lincs sitwar fi Triq it-Turisti, Qawra, liema serq sar ghad-dannu ta' Peter Abela.

h1) F’dawn il-Gzejjer fis-19 ta’ Settembru 2003 u fil-granet ta’ wara din id-data zamm u/jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

h2) Fis-19 ta’ Settembru 2003 u granet ta’ wara, xjentement laqa’ ghand u jew xtaa hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali li bihom dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet kontra l-imputat.

Semghet lill-imputat jametti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien biex jirrikonsidraha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ghall-bazi bir-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat b’serq aggravat bil-vjolenza u ammont, ricettazzjoni, bi vjolenza privata (artikolu 251) u b’sekwestru ta’ persuna. Hu wkoll akkuzat taht il-Kap 66 li hi l-Ordinanza dwar l-armi.

L-imputat ammetta l-akkuzi u l-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u nkondizjonata.

Rat ghal dik li hi piena l-Artikoli 18, 261(a)(c), 262, 267, 276, 277, 279(a)(b), 280, 281, 250, 251, 86, 31, 20, 22, 23 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikoli 3, 9, 19, 26 u 27 tal-Kap 66. Ikkonsidrat il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv u c-cirkostanzi attinenti inkluz l-ammonti relittivament zghir rilettati maz-zewg serqiet in kwistjoni.

Tiddecidi ghab-bazi ta’ fuq l-esport li tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija li qeghda tissospendi ghall-erba snin mill-lum sabiex l-imputat ma jikkommettix reat

iehor punibbli bi prigunerija ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tichad it-talba ghal dak li huma spejjes tal-esperti nominati billi jirrizulta li gew inkorsi fl-inkjesta dwar l-ingenere. Tordna pero’ l-konfiska tal-arma jew l-immitazzjoni taghha li intuzat f’dan is-serq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------